MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 326/2011

**Rosaria Maria Azzopardi, Alfred Azzopardi u l-mara tieghu Lucia Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollha bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma' zewgha Alfred, u Charles Azzopardi u l-mara tieghu Adelina Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollha bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ma’ zewgha Charles**

**vs**

**Maria Theresa Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tal-1 ta’ April 2011 fejn intqal hekk:

1. IlIi ai termini tal-kuntratt in atti Nutar Dr. Francis MicaIlef datat tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elf disgha mija disgha u tmenin (1989) (Dok. A), ir-rikorrenti Charles Azzopardi (ID. 711739M), Rosaria Maria Azzopardi (ID. 487248M) u Alfred Azzopardi (ID. 193047M) flimkien rna' zewgt huthom ohra, Geoffrey Azzopardi (ID. 767652M) u Carmen Vella nee' Azzopardi, taw u ikkoncedew b'titolu ta' subenfitewsi temporanja lill-intimata:

a. Il-korp ta' erbgha (4) appartamenti minghajr numru ta' barra maghruf "Azzopardi Flats" pero internament mmarkati bin-numri wiehed, tnejn, tlieta u erbgha (1, 2, 3 u 4) f'Wilga Street, Paceville, San Giljan;
b. Grupp iehor ta' hames (5) appartamenti enumerati internament bin-numri tnejn,
tlieta, erbgha, hamsa u sitta (2, 3, 4, 5 u 6) maghrufin bl-isern ta' New Azzopardi Flats, fl-istess Wilga Street, Paceville, San Giljan;
c. Zewg appartamenti ohra sottoposti ghal appartamenti l-ohra fil-livell tat-triq minghajr numru pero maghrufin bl-isem ta' Rose u Charles;

2. Illi din il-koncessjoni subenfitewtica temporanja giet soggetta ghal diversi pattijiet u kundizzjonijiet fosthom dik illi t-terrninu tas-subenfitewsi jkun ghall-perjodu ta' wiehed u ghoxrin (21) sena dekoribbli mill-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elf disgha mija u disghin (1990), u bil-hlas tas-subcens temporanju annwali pagabbli tlett (3) xhur b'lura fl-ammonti stipulati fl-istess kuntratt;

3. Illi matul is-snin, il-koncedenti accettaw illi s-subcens jinqasam b'dan illi r-rikorrenti Charles Azzopardi, Rosaria Maria Azzopardi u Alfred Azzopardi jithallsu separatament miz-zewgt huthom l-ohra, Geoffrey Azzopardi u Carmen Vella nee' Azzopardi (ara kopji ta' ricevuti Dok. B-D);

4. lIli l-intimata waqghet Iura fl-arretrati dovuti lir-rikorrenti tant li ghandha taghtihom:

a. hames mija wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmu (€591.20) rapprezentanti l-bilanc tal-arretrati ghall-perjodu Frar 2010-April 2010;

b. erbat elef hames mija wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmu (€4,591.20) rapprezentanti l-arretrati ghall-perjodu Mejju 2010-Lulju 2010;
c. erbat elef hames mija wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmu (€4,591.20) rapprezentanti l-arretrati ghall-perjodu Awwissu 2010-Ottubru 2010; u
d. erbat elef hames mija wiehed u disghin euro u ghoxrin centezmu (€4,591.20) rapprezentanti l-arretrati ghall-perjodu Novembru 2010-Jannar 2011;

5. Illi ghalhekk fir-rigward tal-arretrati tas-subcens, l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma totali ta' erbatax-il elf tlett mija erbgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€14,364.80);

6. Illi minkejja li giet diversi drabi interpellata sabiex tirregola s-sitwazzjoni taghha l-intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk ir-rikorrenti kienu kostretti jintavolaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-4 ta' Novembru 2010 (numru 3765/2010 Dok. E) ghall-ammont dak iz-zmien ta' disat elef sebgha mija tlieta u sebghin Euro u sittin centezmu (€9,773.60) liema ammont illum naturalment tela' ghal erbatax-il elf tlett mija erbgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€14,364.80) peress li jinkludi l-arretrati ghall-perjodu ta' Novembru 2010-Jannar 2011;

7. Illi wara li gie pprezentat tali mandat, wiehed mis-sekwestratarji, certu Ruben Sammut (ID. 619746M) kien ghadda l-ammont ta' elf tmien mija u tmenin Euro (€1,880) lir-rikorrenti (ara r-ricevuta mmarkata bhala Dok. F). Madanakollu, sabiex jottempora ruhu b'mod strett mal-ligi, l-istess Ruben Sammut talab din is-somma lura sabiex jipprezentaha b'mod formali fir-Registru tal-Qrati permezz ta' cedola - liema cedola giet pprezentata llum stess qabel il-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf (ara affidavit ta' Ruben Sammut immarkat bhala Dok. G, u kopja tac-cedola ta' depozitu mmarkata bhala Dok. H);

8. Illi ghalhekk bhala stat ta' fatt sal-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors mahluf l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti

fis-somma totali ta' erbatax-il elf tlett mija erbgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€14,364.80) rapprezentanti l-arretrati tas-subcens;

9. Illi nonostante li l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont dovut u b'hekk tiffranka ammont konsiderevoli ta' spejjez legali u gudizzjarji, din mhux talli baqghet inadempjenti izda inoltre' qed titlob l-imposizzjoni ta' penali fuq ir-rikorrenti quddiem Qorti ohra talli dawn ma' fethux il-kawza fiz-zmien stipulat fil-ligi;

10. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-intimata certament m'ghandiex eccezzjonijiet x' taghti ghat-talbiet tar-rikorrenti;

11. Illi ghal kull buon fini jigi ddikjarat illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti f'dan ir-rikors mahluf huwa minghajr pregudizzju ghall-ammonti ohra li jistghu jkunu dovuti lilhom mill-intimata bhala penalitajiet ai termini tal-istess kuntratt ta' subenfitewsi temporanja illi skada fil-31 ta' Jannar 2011;

Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 *et seq* tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' erbatax-il elf tlett mija erbgha u sittin Euro u tmenin centezmu (€14,364.80) rapprezentanti l-arretrati tas-subcens fuq imsemmija;

3. Tikkundanna lill-intimata thallas dan l-ammont lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 3765/2010 ipprezentat fl-4 ta' Novembru 2010 kif ukoll bl-imghaxijiet minn dik

id-data sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata jew rati permessi mill-!igi;

L-intimata hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat illi rikors gie debitament notifikat lil intimata li naqset li tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2011;

Rat in-nota tal-konvenuta pprezentata fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2011 li biha ammettiet it-talbiet attrici;

Rat il-verbal maghmul quddiem il-Qorti fl-istess seduta tal-1 ta' Dicembru 2011;

Billi mill-provi mhux kontradetti b'mod konvincenti u kif titlob il-ligi t-talbiet dedotti fir-rikors jirrizultaw gustifikati;

Wara li l-Qorti ezaminat l-atti u n-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta t-talba attrici tirrizulta ppruvata mid-dokumenti minnha esebiti cioe Dok. A sa Dok. H annessi mar-rikors guramentat, u ghalhekk qed tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti (kontra l-konvenuta), bl-ispejjez u imghax kif mitluba sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------